MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2524/1999/1

***Untours Insurance Agency Limited* bħala mandatarji speċjali għan-nom u fl-interess tas-soċjetà estera *Qatar Insurance Company*; u Adrian Farrugia**

***Versus***

***Frank Borda Limited***

Din il-kawża hija dwar talba kontra bejjigħ ta' karrozza li nqerdet u kontro-talba mill-bejjigħ biex jiġbor il-bilanċ tal-prezz.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi bejn l-attur Adrian Farrugia u s-soċjetà konvenuta kien sar ftehim fil-11 ta' Mejju 1999 biex l-attur jixtri mingħand il-konvenuta vettura tal-marka *Skoda Felicia LXD 1.9*. Dik il-vettura, li kellha n-numru TWO 880, inqerdet għal kollox bin-nar fit-23 ta' Settembru 1999, għax il-vettura kellha nuqqasijiet moħbija u ma kinitx skond il-garanzija stipulata fil-ftehim tax-xiri.

L-attur kien ħallas lill-konvenuta elf, sitt mija u wieħed u sittin lira (Lm1,661) skond il-ftehim, u ħareġ ukoll mija u

erbgħa u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm144.59) biex kera karrozza oħra wara li nħarqet dik mixtrija mingħand il-konvenuta. Dawn il-flus raddithomlu s-soċjetà attriċi billi l-vettura li nħarqet kienet asikurata taħt polza *fully comprehensive*.

L-atturi jgħidu illi huwa l-każ illi l-ftehim tal-11 ta' Mejju 1999 jinħall, għax il-vettura konsenjata mill-konvenuta kellha difetti li ma jidhrux u ma kinitx skond il-garanzija stipulata skond il-ftehim. Għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-vettura tal-marka *Skoda Felicia LXD 1.9* kellha difetti li ma jidhrux u ma kinitx skond il-garanzija;
2. għalhekk tħoll il-ftehim tal-11 ta' Mejju 1999;
3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi elf, sitt mija u wieħed u sittin lira (Lm1,661) u mija u erbgħa u erbgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm144.59) kif imfisser fuq;
4. tillikwida l-ispejjeż li ħareġ l-attur Farrugia b'riżultat tal-ftehim tal-11 ta' Mejju 1999 u danni oħra li ġarrab; u
5. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur Farrugia l-ispejjeż u d-danni li jiġu likwidati.

Qegħdin jitolbu wkoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-12 t'Awissu 1999, tat-30 t'Awissu 1999 u tas-27 ta' Settembru 1999.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-ħlas li sar mis-soċjetà attriċi lill-attur jippostula illi l-ftehim ta' *hire purchase* huwa wieħed li jorbot, u għalhekk dak li għamlu l-atturi ma jaqbilx mat-talbiet tagħhom;
2. ma sar ebda bejgħ mis-soċjetà konvenuta lill-attur Farrugia, u għalhekk it-talbiet ta' l-atturi mibnija fuq dik il-premessa huma infondati u għandhom jiġu miċħuda;
3. is-soċjetà attriċi ma għandhiex interess tmexxi b'din il-kawża għax:
   a. trid tinġieb prova tas-surroga; u
   b. skond il-ftehim bejn is-soċjetà konvenuta u Adrian Farrugia, fir-raba' klawsola, hu stipulat illi l-vettura tibqa' proprjetà tal-konvenuta u Farrugia ntrabat illi jassigura l-vettura taħt polza *fully comprehensive* għaż-żmien kollu tal-kuntratt ta' *hire purchase*, illi l-interess tal-konvenuta għandu jiġi innotat fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni, u illi sakemm isir il-ħlas kolllu miftiehem fil-kuntratt ta' *hire purchase* kull ħlas li jsir mill-assiguratur

jitħallas l-ewwel lill-konvenuta. Ma jistgħux l-atturi jinqdew bil-polza u jmexxu b'din il-kawża mingħajr ma joqogħdu għall-pattijiet stipulati fil-ftehim ta' *hire purchase*: jekk il-polza torbot kull ħlas taħt il-polza għandu jsir lill-konvenuta, u dan igħodd mhux biss għal kull somma li kien laħaq ħallas Farrugia iżda wkoll għall-bilanċ li fadal taħt il-ftehim ta' *hire purchase*;

4. l-atturi ma iddepożitawx l-oġġett meritu tal-kawża u ma huwiex minnu illi l-vettura kellha ħsarat moħbija jew ma kinitx skond il-garanzija; barra minn hekk il-konvenuta ma tweġibx għad-danni għax Adrian Farrugia kien imsejjaħ b'ittra uffiċjali f'Awissu ta' l-1999 biex jieħu l-vettura għand il-konvenuta biex isiru t-tiswijiet iżda Farrugia ma riedx; u

5. meta l-attur Farrugia bagħat l-ittri uffiċjali msemmija fiċ-ċitazzjoni, hu għażel triq u, għalkemm it-talbiet magħmula fl-ittri uffiċjali ma kinux l-istess, hu ma żammx mat-triq li għażel u baqa' jinqeda bil-vettura bħallikieku ma kien ġara xejn, u għalhekk, ladarba l-vettura nħarqet meta Farrugia kien "f'dan l-istat ta' inadempjenza", ma jistax issa jmexxi b'din il-kawża.

Is-soċjetà konvenuta nqdiet bil-proċeduri mibdija mill-atturi biex ressqet il-kontro-talbiet tagħha. Fissret illi bil-ftehim tal-11 ta' Mejju 1999 is-soċjetà konvenuta tat lill-attur Farrugia l-vettura msemmija fiċ-ċitazzjoni b'"konsiderazzjoni" ta' sebat elef, disa' mija u ħamsa u tletin lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm7,935.73). Fil-klawsola numru erbgħa (4) tal-ftehim hemm stipulat illi sakemm dik is-somma titħallas għal kollox il-vettura tibqa' proprjetà tal-konvenuta, b'dan illi Farrugia ntrabat li jieħu ħsieb il-vettura u jżommha f'kondizzjoni tajba, li jagħmel tajjeb għal kull ħsara li tiġrilha u li hu għalhekk ibati kull telf li jseħħ b'nuqqas tiegħu. Intrabat ukoll illi jassigura l-vettura taħt polza "*fully comprehensive*" għaż-żmien kollu tal-kuntratt ta' *hire purchase*, illi l-interess tal-konvenuta għandu jiġi innotat fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni, u illi sakemm isir il-ħlas kolllu miftiehem fil-kuntratt ta' *hire purchase* kull ħlas li jsir mill-assiguratur jitħallas l-ewwel lill-konvenuta akkont jew għas-saldu tas-somma fuq imsemmija. Farrugia assigura l-vettura taħt polza *fully comprehensive* mas-soċjetà attriċi.

B'ittra uffiċjali f'Awissu ta' l-1999 Farrugia kien imsejjaħ sabiex fi żmien jumejn jikkonsenja l-vettura lis-soċjetà konvenuta sabiex isirulha xi xogħlijiet li setgħu kienu meħtieġa, iżda Farrugia ma riedx jieħu l-vettura biex isirulha dawn ix-xogħlijiet. Wara, fit-23 ta' Settembru 1999, waqt illi l-vettura kienet f'idejn Farrugia, inqerdet għal kollox bin-nar, li hu wieħed mill-*insured perils* fil-kuntratt ta' assigurazzjoni.

Farrugia ma għamilx il-ħlasijiet li kellu jagħmel kif miftiehem fil-ftehim ta' *hire purchase*, u hekk kiser l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-ftehim; dan jagħti lill-konvenuta l-jedd, taħt il-klawsola numru tlieta (3), li titlob il-ħlas tal-bilanċ kollu li fadal, li huwa ta' ħamest elef, mitejn u tmienja u sittin lira u ċenteżmu (Lm5,268.01), barra l-imgħax mit-18 ta' Novembru 1999. Billi għalxejn sejħet lill-atturi biex iħallsu, is-soċjetà konvenuta b'rikonvenzjoni qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà attriċi hija marbuta li tħallas kull bilanċ li jifdal fuq il-ftehim ta' *hire purchase*, u tgħid ukoll illi l-attur Farrugia kiser il-kondizzjonijiet tal-ftehim ta' *hire purchase* u għalhekk għandu jħallas il-bilanċ kollu li fadal; u
2. tikkundanna lill-atturi flimkien *in solidum* iħallsu lill-konvenuta ħamest elef, mitejn u tmienja u sittin lira u ċenteżmu (Lm5,268.01), flimkien ma' l-imgħax mit-18 ta' Novembru 1999 u l-ispejjeż ġudizzjarji.

Għall-kontro-talbiet l-atturi ressqu l-eċċezzjoni illi kienet is-soċjetà konvenuta li naqset milli tħares il-ftehim tal-11 ta' Mejju 1999 għax ikkonsenjat vettura li ma kinitx skond il-garanzija, u l-vettura nqerdet minħabba d-difetti li kellha; għalhekk it-talba tagħha għall-ħlas tal-bilanċ ma tistax tintlaqa'.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

B'kuntratt tal-11 ta' Mejju 1999 l-attur Adrian Farrugia kiseb mingħand is-soċjetà konvenuta l-vettura li dwarha saret il-kawża bil-prezz ta' sitt elef u tliet mitt lira (Lm6,300) u li, b'*charges* u mgħaxijiet, kellu jitla' għal sebat elef, disa' mija u ħamsa u tletin lira u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm7,935.73). Kellhom isiru ħlasijiet akkont u l-bilanċ kellu jitħallas bi ħlasijiet fix-xahar. Fil-każ illi l-attur Farrugia jaqa' lura fil-prezz, is-soċjetà konvenuta

kellha l-għażla jew li titlob minnufih il-ħlas tal-bilanċ li jkun jifdal jew li tħoll il-ftehim u tieħu lura l-vettura.
Dan juri illi, kontra dak li tgħid is-soċjetà konvenuta, u minkejja l-kliem tal-ftehim, il-ftehim ma kienx wieħed ta' *hire purchase* iżda ta' bejgħ bil-proprjetà miżmuma mix-xerrej (*reservatio dominii*) għax f'kuntratt ta' *hire purchase* huwa l-kerrej-xerrej li għandu l-għażla jibdilx il-kiri f'xiri billi jagħżel li jħallas il-prezz kollu, waqt illi fil-ftehim tallum huwa l-bejjigħ li għandu s-setgħa jġiegħel lill-parti l-oħra tixtri billi jġegħelha tħallas il-bilanċ kollu.
It-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija għalhekk miċħuda.
Wara li l-attur Farrugia ħa l-vettura u beda jsuqha seta' jara illi l-*air conditioner* ma kienx qiegħed jaħdem sew u f'ħin minnhom beda wkoll ħiereġ duħħan minn taħt il-*bonnet* tal-vettura. Is-soċjetà konvenuta irmonkat il-vettura sal-*garage* tagħha biex saru xi xogħlijiet. Meta l-attur reġa' ħa l-karrozza reġa' kellu l-istess problema, u l-vettura reġgħet ittieħdet sal-*garage* tas-soċjetà konvenuta. Xi ħmistax wara reġgħet ġrat l-istess ħaġa, u l-konvenuta żammet il-vettura għal xi jumejn jew tlieta biex jerġgħu jsiru xi xogħlijiet fuqha. Wara li, fit-12 t'Awissu 1999 u fit-30 t'Awissu 1999, l-attur bagħat ittri uffiċjali lill-konvenuta, din sejħitlu biex jerġa' joħdilha l-vettura sabiex tissewwa, iżda, billi għall-ewwel tliet ġimgħat ta' Settembru 1999, il-vettura dehret li qiegħda taħdem sew, l-attur ma ħadhiex għand il-konvenuta. Fit-23 ta' Settembru 1999, imbagħad, il-vettura ħadet in-nar u nqerdet għal kollox.
Carmelo Attard, *surveyor* li kien ra l-vettura meta kienet qiegħda tagħti l-problemi qabel ma ħadet in-nar, xehed illi l-problema kien fi *switch* tar-*radiator fan* illi minħabba fih il-*fan* ma kienx qiegħed jaħdem sew u s-sistema elettriku kien jisħon.
Wara li nqerdet il-vettura is-soċjetà attriċi, bħala assiguratriċi, kienet għamlet tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur Farrugia.
Is-soċjetà konvenuta issa qiegħda tgħid, fl-ewwel eċċezzjoni, illi l-ħlas mis-soċjetà attriċi lill-attur hu mibni fuq il-premessa illi l-ftehim bejn Farruga u l-konvenuta jiswa, u ma jistgħux issa jgħidu li ma jiswiex u jitolbu li jinħall.

Din l-eċċezzjoni, iżda, hija ħażina għax il-premessa li fuqha sar il-ħlas mis-soċjetà attriċi lill-attur hija illi l-attur ġarrab telf minn riskju li kien assigurat kontra tiegħu. Il-*causa* għall-ħlas, mela, insibuha mhux fil-ftehim tal-bejgħ iżda fil-ftehim ta' assigurazzjoni. Ukoll jekk il-bejgħ jinħall, lill-attur jibqagħlu interess assigurabbli għax ġarrab telf, u l-fatt illi l-assiguratur għamillu tajjeb għal dak it-telf ma jżommux milli jfittex illi jinħall mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-kuntratt ta' bejgħ.

L-ewwel eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

Ir-raba' eċċezzjoni tgħid illi ma hux minnu illi l-vettura kellha difett li ma jidhirx.

Il-provi juru l-kuntrarju. Għalkemm il-vettura kienet ġdida, mill-ewwel bdew ħerġin il-problemi li ma tistennihomx minn vettura ġdida. Lanqas it-tekniċi tal-konvenuta ma sabu tarf għax, għalkemm il-vettura ttieħdet fil-*garage* tal-konvenuta aktar minn darba, kull ma seħħilhom jagħmlu kien li jgħattu s-sintomi għal ftit żmien, iżda mhux li jsewwu l-ħsara. Id-difetti kienu fis-sistema elettriku u fis-sistema li jirregola t-temperatura tal-makna. Għalkemm is-soċjetà konvenuta, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, qalet illi jista' jkun hemm ħafna raġunijiet għala l-karrozza ħadet in-nar, huwa aktar probabbli, ladarba ntwera illi żewġ sistemi kritiċi kienu qegħdin jaħdmu ħażin, illi l-ħsara seħħet minħabba f'dawn id-difetti.

Il-qorti hija sodisfatta, mill-provi li nġiebu, li dan huwa l-każ. Tassew illi ma nġibux provi konklużivi, iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ladarba l-vettura nqerdet, ma setgħux inġiebu provi aħjar, u l-qorti għalhekk tista' toqgħod fuq dak illi ntewra lilha li juri illi l-ħsara x'aktarx seħħet minħabba d-difetti li kellha l-vettura.

Il-fatt illi l-vettura ma ġietx depożitata huwa irrelevanti; barra minn hekk, ma kienx hemm x'tiddepożita ladarba l-vettura nqerdet. Lanqas ma kien xi nuqqas ġuridikament relevanti dak ta' l-attur Farrugia li ma jiħux il-vettura għand il-konvenuta wara li din sejħitlu b'ittra uffiċjali tat-12 t'Awissu 1999. Il-vettura kien ġà ħadha aktar minn darba għand il-konvenuta, u din ma solvietlu xejn. Kull ma kiseb kien li jidħol fi spejjeż sabiex jikri vettura oħra sakemm it-tekniċi tal-konvenuta jagħmlu l-interventi inutli tagħhom fuq il-vettura tiegħu.

Ir-raba' eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

It-tielet eċċezzjoni hija mibnija fuq nuqqas ta' interess.

Il-konvenuta qabel xejn talbet prova tas-surroga, għax, mingħajr din, is-soċjetà attriċi ma jkollhiex *locus standi*. Is-surroga saret b'kitba ta' l-4 t'Ottubru 1999[1], u l-prova għalhekk saret.

Il-konvenuta tgħid ukoll illi, skond il-ftehim bejnha u l-attur Farrugia, dan kellu jara illi l-vettura tkun assigurata b'dan illi jkun assigurat ukoll l-interess tal-konvenuta bħala sid u, jekk iseħħ xi riskju assigurat, l-ewwel ħlas taħt il-polza kellu jsir lill-konvenuta jekk ikun hemm xi bilanċ mill-prezz li għadu ma tħallasx.  Għalhekk, tgħid il-konvenuta, ma jagħmilx sens illi l-konvenuta trodd lill-assiguratur dak li l-assiguratur ħallas taħt il-polza meta huwa l-assiguratur li għandu jħallas lilha taħt l-istess polza.

Din is-sottomissjoni, effettivament, tolqot ukoll il-meritu tal-kontro-talba.

Jekk l-attur ma ħax ħsieb illi jassigura wkoll l-interess tal-konvenuta, naqas mill-obbligazzjoni tiegħu lejha u għandu jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas.  Jekk, min-naħa l-oħra, l-assigurazzjoni saret kif kellha ssir, mela — ladarba, *ex admissis*, il-vettura nqerdet għax seħħ riskju assigurat, tant illi s-soċjetà attriċi bħala assiguratur ħallset lill-attur bħala assigurat — mela l-attriċi hija marbuta taħt il-polza tagħmel tajjeb ukoll għat-telf li ġarrbet il-konvenuta, magħdud ukoll dak li jkollha tħallas il-konvenuta jekk jintlaqgħu t-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni.

Għalkemm il-polza ta' assigurazzjoni ma ġietx esebita – ġew esebiti biss iċ-ċertifikat maħruġ għall-għanijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi [Kap. 104], skeda miżjuda mal-polza, u ktejjeb bil-kondizzjonijiet *standard* tal-polza – il-qorti taqbel ma' dak li qalet il-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha illi l-patt illi l-interess tal-bejjigħ ikun assigurat meta vettura tinxtara bin-nifs huwa prassi normali fil-kummerċ tal-bejgħ ta' vetturi, u s-soċjetà attriċi, li għandha esperjenza fil-qasam ta' assigurazzjoni ta' vetturi, x'aktarx li kienet taf bil-prassi u x'aktarx għalhekk illi, biex taqdi sew lill-klijent tagħha, l-assigurazzjoni ta' l-interess tas-soċjetà konvenuta saret ukoll.

---

1 *Fol*. 130.

Għalhekk hija tajba l-eċċezzjoni illi s-soċjetà attriċi ma għandhiex interess fit-talbiet magħmula fiċ-ċitazzkoni, għax dak li tista' tikseb mingħand il-konvenuta jekk jintlaqgħu t-talbiet ikollha terġa' tħallsu lill-istess konvenuta taħt il-polza.
Dan ma jolqotx il-pożizzjoni ta' l-attur Farrugia. Dan għandu interess illi tintlaqa' t-talba biex jinħall mill-ftehim mal-konvenuta biex jinħeles mill-obbligazzjoni li jħallas il-bqija tal-prezz; billi, iżda, ġà tħallas mingħand is-soċjetà attriċi għad-danni li ġarrab, hu ukoll ma fadallux interess fit-talbiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.
Ngħaddu issa għall-kontro-talbiet.
Rajna illi s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligazzjonijiet tagħha lejn l-attur Farrugia għax ikkonsenjat ħaġa difettuża; billi *inadimplenti non est adimplendum*, u, għar-raġunijiet mogħtija fuq, huwa l-każ illi l-kuntratt bejnha u l-attur jinħall fl-interess ta' Farrugia, it-talbiet tagħha safejn magħmula kontra l-attur Farrugia ma jistgħux jintlaqgħu.
Safejn il-kontro-talbiet huma magħmula kontra s-soċjetà attriċi, il-qorti tosserva illi l-premessa li fuqhom huma mibnija l-kontro-talbiet huma kemm l-ftehim ta' bejgħ bil-*pactum reservati dominii* bejn il-konvenuta u l-attur Farrugia u kemm l-assigurazzjoni ta' l-interess tal-konvenuta mas-soċjetà attriċi.
Naturalment, is-soċjetà attriċi ma hijiex parti fil-ftehim ta' bejgħ, u la l-kuntratt ta' assigurazzjoni u lanqas is-surroga wara li ħallset lill-assigurat ma jagħmluha parti. Billi iżda hija assigurat ukoll l-interess tas-soċjetà konvenuta, hija marbuta li tħallas taħt il-polza.
Il-kontro-talbiet għalhekk sejrin jintlaqgħu, iżda biss kontra s-soċjetà attriċi.
Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hekk taqta' din il-kawża:
1. tilqa' l-ewwel talba magħmula fiċ-ċitazzjoni billi tgħid illi l-vettura konsenjata lill-attur Farrugia mis-soċjetà konvenuta kienet milquta b'difetti li ma jidhrux u ma kinitx skond il-garanzija, u għalhekk tiċħad l-eċċezzjonijiet kontra din it-talba;
2. tilqa' t-tieni talba billi teħles lill-attur Farrugia minn kull obbligazzjoni taħt il-ftehim tal-11 ta' Mejju 1999, u għalhekk tiċħad l-eċċezzjonijiet kontra din it-talba;
3. tiċħad it-tielet talba;
4. ma tqisx ir-raba' u l-ħames talbiet;

5. tiċħad il-konrtro-talbiet safejn magħmula kontra l-attur Farrugia;
6. tilqa' l-kontro-talbiet safejn magħmula kontra s-soċjetà attriċi *Untours Insurance Agents Limited nomine* u hekk tikkundanna lill-istess soċjetà attriċi tħallas lis-soċjetà konvenuta ħamest elef, mitejn u tmienja u sittin lira u ċenteżmu (Lm5,268.01), flimkien ma' l-imgħax minn meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju; u
tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż kollha ħlief dawk ta' l-attur Farrugia, li għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------